# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 25/KA2/17

17 ta' Jannar 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Paceville Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrativ tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Giljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Albert Bonello Ghio – Ċermen
Maria Dolores Falzon – Membru
Joe Oliva – Membru
Richard Scicluna – Membru
Guido Dalli - Sindku

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Il-Membru Michael La Rosa nforma lil-Kunsill li ma setax jattendi għal-laqgħa għalhekk ġie skużat.

**Assenti:**

L-ebda Membru ma kien assenti.

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

**Minuti**

Iċ-Ċermen, is-Sur Albert Bonello Ghio ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

25.1.01 Il-Membru Michael La Rosa nforma lil-Kunsill li ma setax jattendi għal-laqgħa għalhekk ġie skużat.

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

25.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 24/KA2/17 għall-approvazzjoni.

25.2.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom mingħajr korrezzjoni.

25.2.04 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu mingħajr korrezzjoni.

25.2.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**25.3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

25.3.01 Iċ-Ċermen qajjem il-punt fir-rigward it-talbiet li kienu saru mas-Sur Silvio Scerri li sallum ghadhom pendenti. Għaldaqstant ġie deċiż li għandha terġa' tintbagħat *reminder* lis-Sur Silvio Scerri.

25.3.02 Ġie deċiż li jerġgħu jinzebgħu ż-żebra crossings ġewwa Paceville barra dawk li ser isiru mal-MAPFRE.

25.3.03 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-*annual budget* għas-sena 2017, fejn iċ-Ċermen spjega fil-qosor l-*annual budget* għas-sena 2017.

25.3.04 Wara diskussjoni qasira, il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-*annual budget* 2017.

25.3.05 Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio ssekondah.

25.3.06 Il-Kumitat qabel unanimament.

25.3.07 Tqajjem il-punt fir-rigward il-problema li għad qed ikun hemm ħdejn il-Lombard Bank fi Triq Paceville k/m Triq il-Wilġa minħabba l-ammont ta' skart li qed jintefa. Wara li l-Kumitat bagħat diversi ittri lil-ħwienet tal-madwar u ma tat l-ebda riżultat pożitiv, ġie ssuġġerit li għandha ssir *camera* li timmoniterja għal fuq il-bankina ta' quddiem il-Lombard Bank fi Triq Paceville sabiex isir il-moniteraġġ tal-iskart li qed jintefa filwaqt li din għandha tiġi mmoniterjata mill-*Cleansing Service Directorate.*

25.3.08 Tqajjem il-punt fir-rigward l-ittri li ntbagħatu lill-Bellini dwar it-tabella li għandu mwaħħla mal-arblu fi Triq Paceville, iżda s'issa din għadha ma tneħħietx. Għaldaqstant għandha terġa' tintbagħat ittra lill-Bellini.

**25.4 Korrispondenza**

Ma kien hemm l-ebda korrispondenza.

**25.5 Laqgħa Ġenerali Annwali;**

25.5.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-laqgħa ġenerali annwali ta' Paceville ser issir nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar 2017, fis-6.00p.m. ġewwa l-Millenium Chapel.

**25.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

25.6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P466 sa nru. P477 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A')

25.6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

25.6.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu.

25.6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**25.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

25.7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

25.7.02 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

25.7.03 Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

25.7.04 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

25.7.05 Il-pagamenti ġew approvati.

**25.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

25.8.01 Il-laqgħa ntemmet fil-5.00p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 fl-5.10 p.m.

Konfermati, illum 13 ta' Frar 2017

.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**